## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Nru: 958/02 AJD.**
**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Sagirus Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm127.71) rappresentanti in kwantu ghal Lm111.05 Royalty u Lm16.16 Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 11 ta' Ottubru 2001 (Dok. A0 in konnessjoni mal-licenzja numru 011617 9Dok. B)

rilaxxjata mis-socjeta’ attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Blue Greek Bar Restaurant, Ghar Lapsi , limiti tas-Siggiewi ghal perijidu mis-6 ta’ Jannar 2002 sal-5 ta’ Jannar 2003..
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta’ Marzu 2002 u bl-imghax kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Joosette Attard, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm127.71), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**